TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 483/10

**Christine Agius**

**vs**

**Joinwell Ltd**

Illum 27 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elf u mitejn ewro (€1,200), rappreżentanti prezz ta' sett għamara tal-kċina li l-kulur tal-mejda ma kienx jaqbel mal-kumplament tal-għamara, kif ukoll kien hemm diversi nuqqasijiet.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat sett tal-kċina mingħand id-ditta intimata u li l-kulur tal-mejda ma kienx jaqbel mal-kumplament tas-sett tal-kċina, u kif ukoll li kien hemm diversi nuqqasijiet.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba, kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejħa tliet darbiet, baqgħet ma dehritx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, s-soċjeta' intimata kienet għadha ma bagħtitx risposta bil-miktub għal din it-talba.

It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti u kif ukoll ra r-ritratti ppreżentati, qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti li hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l- ammont ta' elf u mitejn ewro (€1,200), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**